KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI LAQGĦA NUMRU 35
TAL-KUNSILL LOKALI QALA

Il-Hamis 23 ta' April, 2026.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum Il-Hamis 23 ta' April, 2026, fil-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):
HADD

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

35.1 Talba
35.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;
35.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti
35.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti
35.5 Komunikazzjoni mis-Sindku
35.6 Attivitajiet f'Mejju
35.7 Qala Chocolate Festival
35.8 Skema SPI/SCI/01/2026 Lejla Ghawdxija b Differenza
35.9 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti
35.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera
35.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippreseda l-laqgħa li bdiet fl-4.53 ta' filghaxija

35.1 Talba;

35.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa. Hawnhekk is-SE informa lill membri preżenti, is Sindku Paul Buttigieg u il-vici sindku Noel Mizzi li l-Kworum ma ġiex milqugh u ghalhekk ser ikollu jaghti nofs siegha cans, skont kif tirrekjedi l-ligi, sabiex jara il-kworum jintlahaqx jew le.

Fil-5.13pm dahlet il-Kunsilliera Valerie Mejlak u b'hekk il Kworum jintlahaq u setghet titkompla il-laqgha.

35.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

32.2.1 Ittri ta Apologija li ircivejna kienet tal-Kunsillier Rene Abela li skuza ruhi li kien ser jittardja ftit. Is SE informa li l kunsillier Karl Buttigieg, kif ukoll il Kunsilliera Valerie Mejlak informawh permexx ta sms li kienu ser jittardjaw. (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

35.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti

35.2.1 Il-minuti ta' l ahhar laqgħa numru 34 ġew iċċirkolati dak il hin u għalhekk inghata l hin sabiex ikunu moqrija. Ġew approvati minn dawk prezenti wara li saret amenda f paragrafu

34.14.1, fejn

Il kunsilliera uriet x xewqa li dan jinbiegh.....,

trid tinqara

Il kunsilliera ***Valerie*** uriet ***li l awtur wera*** x xewqa li dan jinbiegh .....

34.15.10

il-kunsilliera Valerie taqbel ma li qal Karl u qalet li ghaxejn toġġezzjona jekk fl ahhar mill ahhar ha tohrog mill-PA

Trid tinqara

Il-kunsilliera Valerie taqbel ma li qal Karl u qalet li ghaxejn toġġezzjona ***Emenda ghax il maġġoranza tal-kunsill hi favur u*** jekk fl ahhar mill ahhar ha tohrog mill-PA

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

35.4.1 L-iskeda tal-pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdet bħala moqrija. Ġew approvati unanimament minn dawk prezenti

35.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.5.1 Is-Sindku beda billi qal li kellu kummenti tajbin dwar il magna tal BCRS ghax hi mudell modern aktar u tghaggel aktar biex tiehu l flixken minn magni ohra madwar ghawdex

35.5.2 Is-Sindku kompla billi qal li saru l preparamenti u studju kemm hemm bzonn li tithammel t triq mill Qala san Nadur, biex b'hekk tkun fis sod billi tintela biz zrar u caghaq halli tkun aktar stabbli. Saru b`mod temporanju l pipes tal ilma fuq kull naha wkoll. F'din it-triq ser isir siment fl-art fuq iz-zewg nahat. Ser jghaddu wkoll l wire tal elettriku tal greens supermarkit. Hawn dahal il kunsillier Rene Abela. Il Hin kien il 5.35pm .Tal-armar ser jimmarkawlna fejn irridu it-toqob ghal antarjoli u qal li talbuna ukoll nghinuhom fix xiri tat-tappieri. Is Sinkdu saqsa lil dawk preżenti jekk jaqblux li nixtruhom bhas soltu?. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Hawn dahal il kunsillier Karl Buttigie. Il hin kien il 5.36pm.

35.5.3 Is-Sindku kompla billi ta update fuq triq il Wardija fejn qal li d drenagg tlesta u bdiet tithammel it-triq. Qal li kien mistoqsi jekk hux ser isir is siment fuq iz-zewg nahat tat-triq u ikkonferma li dan ser isir. Fl-istess waqt ser isiru it-toqob li jehtiegu tal-armar ghal-antarjoli tal-festa. Dawn ser isiru waqt li jkunu prezenti membri tal armar . Talbuna biex naghmlulhom t-tappieri tal-hadid f din it triq ukoll. Kien hemm qbil dwar dan. Is Sindku kompla li malli jlestu dan kollu tinghata t tarmac.

35.5.4 Is-Sindku semma li inzabbhu l kmamar ta l uffiċju tal Kunsill mill haddiema ta l istess kunsill,

35.5.5 Is-Sindku semma li it tender tal Progett tas Salib ser johrog daqt u li jispera f konkorrenza tajba. U qal li importanti li dan il proġett jibda wara s sajf, halli b hekk ma jtellifx il kummerċ tas sajf.

35.5.6 Is-Sindku semma li x-xoghol amministrattiv fuq il Playing Field Mgs Salvu Attard miexi b'ritmu tajjeb. Zied li tghaddiet diversi dokumenti lill MGP, peress li dan ser jkun progett finanzjat minnhom.

35.5.7 Is-Sindku kompla dwar il blokok tas Sument li tpoġġew in-naha ta' gewwa f'Hondoq sabiex jinblukkaw parti kbira mill-parking. Zid li fuq il-blokok kitbu biz-

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

zebgha il kelma *DANGER*. Qal li qabel ma lahaq sindku kienu jigu bil-gaffef tal-MGP u imbuttaw il-gebel lura lejn il-bahar u b'hekk kien ikun hemm parti kbira ghal parking.. Pero, minn mindu lahaq hu sindku kien gie sid minnhom u kien qal lil ingineer tal-gvern li ma setghux jaghmlu aktar dan ix-xoghol ghax hemmhekk art privata. Zid li waqt li kont imsiefer bdejt nircievi telefonati li qed jitpoggew il-blokok tas-siment ghalhekk qabbad persuna li hadet l-ewwel filmat u tellahha fuq il-midja socjali. Skond kif irrapurtat it-times, dawn suppost ser jitnehhew. Kompla bill qal li gie infurmat li ser isirilhom stop notice.

Dwar l-itrangar tal moll ta Hondoq il kuntrattur inghata l go ahead biex jitrangà.

35.5.8 Is- Sindku ghalaq dwar ic chocolate festival li ser isib dan is Sibt, fejn qal li jinsab cert li ser ikun success ghax ir-reklamar huwa effettiv hafna specjalment ir-reklami li ghamlu chaz psaila u shabu u laqtu firxa kbira ta' nies. Ghalaq tilli qal li llum sar il-hasil tal-pjazza u l madwar minn haddiema tal-MGP

35.6 Attivitajiet f'Mejju

35.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv semma li ser issir harga ghal Mother's day li ser issir fit 12ta Mejju. Ser issir quddiesa fil knisja ta Santa Lucia, limiti ta Kercem u wara imorru l lantern restaurant ghal ikla. Ser jinghataw coasters bhala tifkira lil dawk prezenti. Prezz ser ikun ta €12pp. Kien hemm qbil.

35.6.2 Is SE kompla li fis 7ta Mejju ser issir harga Malta ghal Dar Bjorn. Wara immorru sal Monti/jew Mdina u nispiccaw b ikla. Il prezz ser ikun ta €25 fejn €10 minnhom ser immorru ghal Dar Bjorn. Kien hemm qbil.

35.7 Qala Chocolate Festival

35.7.1 Is SE wera lil kunsilliera l budget tal infieq li ser ikun hemm u semma li l fondi li ngabru ser ihalsu il Festival kollu. Dawn huma €15,000 mill Kultura MPG, €5,000 mill MTA u ~~€5,000~~ ***EMENDATA €2,500*** sponsor miġjub mill organiser. It Total ta fondi miġbura kienu ta; ~~€25,000~~ ***Emendata €22,500.*** Is SE talab ghal approvazzjoni sabiex mill fond tal kunsill jithallas €280 ghal lghob tat tfal li jikkonsisti f lghob ghal tfal b diżabilità taht li l isem ta Sensory Experience. Kien hemm qbil li jinghataw. Kien hemm talba biex dawn dawn l events ghandhom jittresqu waqt laqgha tal kunsill. Ghandu jintalab direzzjoni dwar €6,000 li hemm dwar ic chocolate trophy.

35.8 Skema SPI/SCI/01/2026 Lejla Ghawdxija b Differenza

35.8.1 Is-SE talab lill Vici Sindlu Noel Mizzi, sabiex jaghti l informazzjoni dwar din l Event lis Ser issir it Tnejn 27ta Lulju 2026 fejn qal li pjan hu indahlu l line dancing, Michael Refalo bil band tieghu li ddoqq mużika kulturali, l Menhir, Corazon, Marisa D Amato u

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Hoss ix Xlendi. Is SE qal li dwar Marisa D Amato, din bghatet zewg kwotazzjonijiet, wahda li bhal single/solo il prezz hu €250, u l ohra bil band li tiswa €2,500. Kien hemm qbil li billi din hi l attrazzjoni prinċipali, ghanda tkun bil band b kollox. Hawn hekk kien hemm apprezzament mill kunsilliera Karl u Valerie, li hekk ghandhom isiru l affarijiet halli ikun hemm diskussjoni. Is SE saqsa dwar il possibilta li l Group Menhir Qala jithajjarx jaghmel it-tieg l-antik. Ser insaqsu sabiex jikkonfermaw.

35.9 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti

35.9.1 Is -SE qara ittra/ tahrika minghuta mis Snra JG li suppost kella tinqara fil laqgha precedendi imma li nqabżet bi żvista. Din il persuna qed tghid li sar xoghol hazin fil bankina tal latrina pubblika fi triq 28ta April, u li qed jaffetwa darha minn ġewwa. IS sindku qal li kien iltaqa mar raġel ta din il persuna u qalu sabiex jiltaqghu fuq il post mal perit. Is SE qal li tkellimna ma l avukat tal kunsill u li dan kellu iwigeb lura din l ittra.

35.9.2 Is SE ressaq korrispondenza mill GRDA u xi ritratti li ahna konna l unika kunsill li ma bqilniex dwar il Bicycle Racks. Il kunsilliera Valerie sahqet li hi kienet favura, bis-SE jghid li ma kienx hemm qbil. Saret diskussjoni dwar fejn jistghu isiru. Sar qbil li jsir fuq il bankina il wiesa ta ġnien il Magistrat Salvu Attard. Ghanda issir wahda l pjazzetta fejn kien il momument tal isqof fuq in nahha tal Kaputa fuq il bricks. Issir ohra ta Grunju fejn il bankijiet u ohra fuq il Belveder.

35.9.3 Is-SE ressaq talba mill Ghaqda briju ghal ghajnuna sabiex jinghataw fondi sabiex itellghu screen u juru il final tac champions league. Hu ippreżenta il kwotazzjonijiet miġbura. Kien hemm qbil unanimu li il kunsill ghandu jghin billi jimxi ma l orhos kwotazzjoni.

35.9.4 Is SE ressaq korrispondenza fuq talba dwar Communial Disability Parking li kien tnehha ricentament fi Triq tac-Cawl. Spjega li milli jidher tnehha xi Disability parking minn dik it Triq u persuna resqet talba biex dan jerga jsir. Il-Kunsilliera Karl u Valerie saqsew jekk il-persuna li ghamlet it talba ghandiex il Blue Badge. Is Sindku qal li lil din il persuna qalilha biex tmur tapplika Transport Malta ghax dan kien parking li holoq hafna problemi, bil-kunsillier Karl qal li din kienet ġlieda/problema ta snin biex jitnehha. IS sindku qal li kif semgha li dik il persuna ta nazzjonalità Taljana li kien jaghmel uzu minnha telaq, l-ghada stess bghat lill haddiema jixtru iz-zebgha u qalilhom imorru jizbogh. Il kunisllier Karl qal li jiftakar lis Sindku jghid li dan it Taljan kellu garaxx u li min ikollu garaxx mhux suppost japplika ghal san it tip ta' parkeġġ. Ma kienx hemm qbil biex dan il-parking jerga jsir ghax kien hemm diġà problema kbira u terga tinholoq ohra.

35.9.5 Is-SE ressaq emejl mill Cultural Heritage li ser titnaqqas il gig tal 9ta Lulju tal Qala Wednesday nights. Ghandna nitolbu biex forsi jista jtuna ġurnata ohra minflokk anke f Settembru.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.9.6 Is-SE ressaq korrisponzenza tal Construction Management for site regulations. Kien hemm qbil li ghandna inżidu Triq iz zewwiqa, Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg u Pjazza San Guzepp.

35.9.7 IS SE ressaq emajl minn Vocal Gems sabiex jużaw is sala tal kunsill siegha qabel ir rehearsals sabiex jghamlu warmup/zumba session ghal membri tal group. Il Kunsill qabel.

35.9.8 Is SE ressaq korrispondenza ta l Arcipriet dwar ktieb li qed jippublika dwar san Guzepp. Is SE wera l kwotazzjonijiet. Is Sindku qal li ghanda niltaqghu mieghu u jara kemm jixtieq u jistenna li naghtuh ghax hi ftit gholja. Ghanda issir laqgha mieghu u nitolbuh li jġib tlett Kwotazzjonijiet

35.9.9 Is SE ressaq emejl mir radju Lehen il Qala dwar talba ta ghajnuna ghal event li ser isir fis 26ta Lulju 2026. Gabu kwotazzjoni ta kantanta li tammonta ghal €2,419.00 inkluz VAT. Il kunsill qabel unanimament.

35.9.10 Is SE ressaq emejl tal Gozo Association for the Deaf fejn talbuna sabiex jghamlu laqgha ta siegha ġewwa is Sala tal Qala ghan nies Qalin nhar it 13ta Mejju fl 10am. Il kunsill mhu ser johrog l ebda finanzi. Il kunsill qabel unanimament.

35.9.11 Is SE ressaq emejl KFGM dwar possibilta li l Ghaqda Armar jiehdu hsieb l attività tat tfal waqt l avveniment tas 27 ta Lulju 2026, waqt il lejla Ghawdxija. Kien hemm qbil unanimament

35.9.12 Il Vici Sindku Noel semma li fejn l istatwa ta San Guzepp hemm ftit haxix hazin. Ser tittihed azzjoni.

35.9.13 Il Vici Sindku Noel semma li ghalkemm jista jkun li diġà semmija xi kunsillier iehor f xi laqgha preċedenti hemm bżonn titwahhal tabella SLOW qrib il BCRS. Kien hemm qbil

35.9.14 Il Vici Sindku Noel qal li hemm bżonn li niehdu hsieb iz zebgha madwar ir rahal. Hemm bżonn li naghmlu talbiet aktar frekwenti lil MGP, sabiex is sinjali u z zebra crossing jinzabhu aktar spiss. Jekk jista jkun naraw ingibux iz zebgha mill MGP u jizbhuh il haddiema tal kunsill.

35.9.15 Il Vici Sindku Noel semma li hemm bżonn issir dik il bus stop fi triq il Qala.

35.9.16 Il Vici Sindku Noel semma li importanti li issir il bus bay ta Triq 28ta April.

35.9.17 Il Vici Sindku Noel semma li ta Kassia hemm roqgha ta ilma li dejjem qed tkun hemm. Is sindku qal li dik ser issir ta Gammarija.

Hawn is SE talab skuża ghax kellu bżonn johrog mill kamra ghal zewg minuti.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.9.18 Il kunsillier Rene semma li Triq it Tempju niżlet ftit u saret bennina hemm bżonn issir xi patching. Is sindku qal li dik it triq ser issir mill MGP wara li titlesta Triq tan Nadur sal Qala.

35.9.19 Il kunsillier Rene semma dwar is sleeping police u qal li TM approvawha. Ghandna ingibu l approval u jekk possibbli nghamluha tar Rubber. Kien hemm qbil.

35.9.20 Il kunsillier Rene semma li hemm bżonn napplikaw mill gdid ghan NEW WATER, sabiex jidhol f Andar ix Xaghri. Nghamlu request lil Enginner u lill tal Water Works

35.9.21 Il kunsillier Karl qal li ghandna nibghatu iitra lir restoranti u il bars tal pjazza u navzawhom b mod uffiċjali li mis 26ta Gunju ser tinghalaq il Pjazza.

35.9.22 Il kunsillier Karl semma il haxix li hemm tal Bust ta ~~Isqof Mikiel~~ ***EMENDATA*** l **President Anton** Buttigieg sabiex ~~jitnehha~~ ***EMENDATA*** **jiġi trimjat.**

35.9.23 Il kunsillier Karl semma sabiex jintbghat il leaflet tal Community Van

35.9.24 Il kunsillier Karl semma l hasil fil pjazza ghandu jsir aktar spiss.

35.9.25 Il kunsillier Karl qal li dwar ir roundabout tal Wardija, in nies mhumiex jaqblux dwarha. Hu qal li in nies qed jitolbu li tibqa kif inhi. Is sindku qal li ir roundabout ha tiċkien. Ser ikun hemm pjanti godda u ghandhom jintbghatu lil kunsilliera. Il Kunsillier Karl saqsa hux ta tiġi one-way, bis sindku jghid li ser tibqa two way. IL kunsillier Karl qal li importanti li dak il bank jibqa hemm u jekk hemm chance jiżdied bank iehor.

35.9.26 Il kunsillier Karl semma biex lil ta l armar nghinuhom dwar it toqob tal-arbli ta triq il Wardija. Is sindku qal li din semmija fid diskors tieghu u kien hemm qbil.

35.9.27 Il kunsillier Karl semma li fuq l agenga kellu ikun hemmi li paġna ta facebook ghanda tkun fuq is Segretarju Ezekuttiv biss. Is sindku talbu jibghat email u titressaq il laqgha li gejja.

35.9.28 Il kunsillier Karl qal li hemm xi haxix hazin fi triq qrib ic-Cimiterju u li ghandu bżonn jinqata

35.9.29 Il Vici Sindku Noel talab li jghid xi haġa ohra. Hu qal li hemm bżonn jekk hu permessibli li jsiru parking bays mar roundabout ta Guljo.

35.9.30 Il Kunsilliera Valerie semmiet dwar il roundabout int u diehel il Qala. Is SE qal li bghat lis Sur Cauchi tal MGP biex ir roundabout issir parti mill attivitajiet u tisbieh li jkun hawn fil roundabout l ohra. Talbet biex ineklmu lil MGP sabiex jithawlu fjuri f dik ir roundabout.

35.9.31 Il Kunsilliera Valerie talbet biex Pjazza San Guzepp isiru Bolards elektronici wara li tinqala u titrangġa t triq. Ghanda issir talba.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

35.9.32 Il Kunsilliera Valerie semmiet biex isir biċċa mużajk fil belvedere mal hajt fil parking. Sar qbil dwar dawn.

35.9.33 Il Kunsilliera Valerie semmiet li ta Grunju hemm bżonn jinqata il haxix hazin speċjalment fejn il bankijiet.

35.9.34 Il Kunsilliera Valerie talbet ghal ktieb the Qala trail sabiex jitranġaw l iskrittura li hemm fuq il bollards fil pjazza halli jinkitbu u jitranġaw mill gdid.

35.9.35 Il Kunsilliera Valerie saqsiet dwar il blokok tal konkos li hemm fl eghliqi tan nies fin niżla ta hondoq. Il Vici Sindku tal li it tender kien gie awarded imma ghadu ma bediex ix xoghol. Ghandna nibghatu emial lil MGP biex naraw meta ha jibda il proċess.

35.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.10.1 Il kunsilliera Valerie saqsiet dwar Il ktieb ta Charles Bezzina u is SE qal li ser isir il monument u l launching tal ktieb flimkien. Qed jintghatu ghal kwotazzjoniet biex jitbaxxa il monument ubiex tiġi ordnata l irhama.

35.10.2 Il kunsilliera Valerie saqsiet x ha jiġri bil blokki ta Hondoq. Is sindku qal li issa sar stop notice ghax hass il weggha ta nies u li l kunsill ikun ghamel hoss dwar dawn il blokki. Saqsew min ha jnehhi l blokki u min ha jhallas u bis sindku jghid li zgur li mhux ha tithallas mill kunsill zgur. Il kunsilliera Valerie saqsiet li hemm support ser isir park nazzjonali. Is Sinkdu qal li dan il pjan miexi u li qed jiehu z żmien tieghu. Kiem hemm proċessi twal ta Qorti. Il Process beda war li nqatet is sentenza mil qorti fl 2023. Qal li issa saret special area of conservation. Il kunsilliera Valerie qalet li l karavans qed jokkupaw il parkings biex bis sindku jghid li fejn qeghdin, qeghdin xorta fuq art privata ***EMENDA MiZJUDA*** **u li kien tort ta min kellu jixtri l art u ma nxtaratx.**

35.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

35.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-7.23pm. Il-laqgħa li imiss hija skedata ghat Tlieta 26 ta' Mejju, 2026 fil-4:45 ta' filgħaxija.

35.11.2 Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv Jevon Attard.

Iffirmati

Paul Buttigieg
Sindku

Iffirmati

Jevon Attard
Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt